MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 3/2011

**Carmelo sive Charlie Galea**

**Vs**

**Francis Refalo u Krystle Refalo**

Il-Qorti,

Illi din il-kawza titratta dwar negozju li sar bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti.

Illi f'dan in-negozju l-attur fit-22 ta' Frar 2008[1] ittrasferixxa lill-konvenuti b'titolu ta' hire-purchase vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR 231. Dan it-trasferiment kellu jsir versu l-prezz globali ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin euro (€23,293) li kellhom jithallsu in kwantu ghal tmintax-il elf sitt mija u

[1] Dok A a fol 7 tal-process

hamsa u tletin euro (€18,635) f'rati mensili in kwantu ghar-rimanenti erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro (€4,658) il-konvenuti kellhom jitrasferixxu l-vettura tal-marka Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni KBF 712 lill-attur, liema vettura kienet giet stmata bhala li ghandha tali valur.

Illi dakinhar tal-ftehim il-konvenuti hallsu depozitu ta' elfejn euro (€2,000) u obbligaw ruhhom li jhallsu l-bilanc f'pagament ta' mitejn u tmenin euro (€280) fil-gimgha. Ghal xi zmien il-konvenuti onoraw tali ftehim u hallsu b'kollox is-somma ta' ghaxart elef hames mija u sebgha u ghoxrin euro (€10,527).

Illi rrizulta li meta l-attur mar biex idawwar il-vettura Opel Tigra ghal fuq ismu gie infurmat mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta li kien hemm diversi citazzjonijiet fuq il-vettura u dan kien ghal somma konsiderevoli[2]. Dakinhar kien hemm l-ammont ta' elfejn hames mija u hmistax-il euro u tnejn u sittin centezmu (€2,515.62) dovuti bhala citazzjonijiet u dawn kienu kollha moghtija qabel id-data tal-ftehim bejn il-partijiet. Dan kif jirrizulta ampjament minn Dok B[3]. Inoltre' l-attur ingunga wkoll rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta li kkonferma li sat-2 ta' Marzu 2011 fuq il-vettura registrazzjoni numru KBF 712 kien hemm multi b'arretrati tal-licenzji fl-ammont ta' erbat elef u wiehed euro u sittax-il centezmu (€4,001.16)[4]. Ix-xhud spjega li l-ahhar licenzja li thallset kienet fis-sena 2006 u dan ghandek multa ta' zewg euro (€2) kuljum meta ma thallasx il-licenzja wara li jghaddu tlett xhur li tkun ghalqet il-licenzja. Late license payments kien hemm elf u sitta u tletin euro (€1,036). Mhux possibbli li tithallas il-licenzja minghajr ma jithallsu wkoll il-kontravenzjonijiet li b'kollox sa dakinhar tax-xhieda kienu fl-ammont ta' elfejn hames mija u sittax-il euro (€2,516).

Ir-rikorrent xehed li huwa ma kienx jaf b'dawn ic-citazzjonijiet u kif sar jaf kien cempel lill-konjugi Refalo u l-konvenuta assiguratu li kienu se jiehdu hsieb jirregolaw il-

[2] Xhieda ta' Charlie Galea a fol 16 tal-process
[3] A fol 8 tal-process
[4] Xhieda ta' Saviour Farrugia a fol 29 tal-process li pprezenta wkoll Dok SF 1.

posizzjoni. Meta l-konvenut xehed[5] ukoll ikkonferma li kien wieghed lill-attur li se jhallas il-multi pero' baqghu ma thallsux peress li ma kienux f'posizzjoni finanzjarja li jhallsuhom.

Illi r-rikorrenti spjega li l-Opel Tigra ried jinnegozjaha bhalma jaghmel b'vetturi ohra. Ghalhekk ha l-karozza ghand sprayer u nefaq bejn seba' mija u tmien mitt lira Maltin izda ricevuta ta' dan ma gewx prodotti. Huwa xehed ukoll li l-konvenuti ffirmaw kambjala favur l-attur fit-12 ta' Frar 2010 fl-ammont ta' hdax-il elf mitejn u tmintax euro (€11,218) liema ammont jirraprezenta l-bilanc tal-prezz tal-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero u l-interessi fuq l-istess bilanc.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2011 Dr Grech ghall-konvenuti spjega li l-konjugi Refalo m'humiex qeghdin jikkontestaw il-bilanc ta' flus fuq il-vettura Mitsubishi Pajero. Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw l-ammont intier li qieghed jippretendi l-attur bhala hlas ghall-kontravenzjonijiet tat-traffiku u multi mposti minn Transport Malta peress illi fil-mument li sar in-negozju l-attur kien jaf li hemm multi fuq il-vettura Opel Tigra u l-ftehim kien fis-sens li se jaghmel tajjeb ghalihom huwa.

Illi pero' meta Francis Refalo xehed *viva voce* qal li qatt ma ftehmu ma' Galea li huwa kellu jhallas il-multi. Il-konvenut kien qallu li mill-flus li kien se jibda jaghtih bhala pagamenti kellu jhallas il-multi imbaghad kif dawn jithallsu jkompli jhallas ghall-karozza. Biss pero' flus biex jaqta' l-multi ma tahx.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2011 Dr Joseph Grech ghall-konvenuti ddikjara li l-konvenuti ghadhom isostnu li m'humiex lesti jaghmlu tajjeb ghall-penali li hemm fuq il-vettura Opel Tigra dovuti lil Transport Malta u dan peress li l-attur kellu mezzi ohra biex ma jhallix dawn il-penali jizdiedu bir-rata ta' zewg euro (€2) kuljum. Skond huma kull ma kellu jaghmel kien li jmur l-ufficcju tat-Transport Malta u jaghtihom in-number plates. L-attur min-naha

[5] Seduta tat-3 ta' Marzu 2011 a fol 25 tal-process

tieghu kkontesta dan il-fatt u rrileva li dan ma setax isir fil-prattika ghaliex l-ewwel riedu jithallsu l-multi.

Illi mis-suespost irrizulta li ghal dak li jirrigwarda l-bilanc fuq il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero l-konvenuti m’humiex jikkontestaw il-bilanc li qieghed jintalab mill-attur u ghalhekk m’hemm lok ghal ebda indagni ohra u dan l-ammont jirrizulta ppruvat.

Illi l-kwistjoni li fadal ghalhekk hija dwar ic-citazzjonijiet u l-multi li hemm fuq il-vettura tal-marka Opel Tigra Reg Nru KBF 712. Ma giex ippruvat li l-attur kien jaf bic-citazzjonijiet u l-multi qabel ma sar in-negozju bejn il-partijiet u tenendo kont ta’ l-ammont konsiderevoli li diga’ kien hemm fuqha l-qorti taraha ferm inverosimili li l-attur accetta tali proposta. Il-konvenut Francis Refalo fix-xhieda tieghu infatti qal li l-attur qatt ma qal li kien se jhallas il-multi huwa.

Jirrizulta li l-konvenuti Refalo ilhom ghaddejjin bi problemi finanzjarji u ghalhekk la setghu jhallsu l-pagamenti dovuti fuq il-vettura tal-Marka Mitsubishi Pajero (li huma jsostnu li mhux qed juzaw) u wisq anqas li jhalsu l-multi u c-citazzjonijiet. L-istess konvenuti ma ppruvawx dak sottomess minnhom li l-attur seta’ ta n-number plate tal-Opel Tigra lil Transport Malta u b’hekk il-multi ma jizdidux u dan minghajr ma jhallas ic-citazzjonijiet u l-multi pendenti.

Fic-cirkostanzi ghalkemm ic-citazzjonijiet u l-multi huma dovuti mill-konvenuti anki ghaliex il-maggior parti taghhom huma datati ferm qabel ma sar in-negozju u rigward l-ohrajn il-multi huma konsegwenza tan-nuqqas ta’ hlas tal-licenzja minnhom sa mis-sena 2006, izda ladarba l-konvenuti ghandhom problemi finanzjarji jkun inutli ghall-attur li din il-qorti tilqa’ l-ewwel zewg talbiet tieghu.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi

(i) Tiddikjara li l-vettura tal-marka Opel Tigra bin-numru ta’ Registrazzjoni KBF 712 ghandha tibqa’

proprjeta' tal-konvenuti u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont ta' hmistax-il elf seba' mija u hamsa u erbghin euro (€15,745) liema ammont jirraprezenta l-bilanc tal-prezz tal-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero u l-interessi fuq l-istess bilanc sal-lum;

(ii) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf seba' mija u hamsa u erbghin euro (€15,745), bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) Tichad il-hames talba ta' l-attur stante li ma gietx pruvata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali nru 164/2010 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------